KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**18/17**

**Minuti tal-għoxrin 'l Laqgħa tas-sbatax–il sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Is-Sur Sultana Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman- | Aġent Segretarju Eżekuttiv | |
| **Assenti:** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |

(l-Eks Aġent Segretarju J.M. Formosa wasal fis-5.45 ta' filgħaxija u nfurmana li, fil-5.35 ta' filgħaxija s-Sur Bugeja essemmessjaħ/ċempillu li ma jiflaħx)

**Mistiedna:** Il-Perit Anthony Bezzina
L-Assistent tal-Perit Clayton D'Amato

L-*Accountant* Romina Perici Ferrante

**Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Aġenda:** PPP fil-preżenza tal-Accountant is-Sinj Romina Perici Ferrante u l-Perit Anthony Bezzina u
Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-laqgħat 11/18 (19.10.2011), 12/18 (26.10.2011), 13/18 (21.11.2011), 14/18 (28.11.2011), 15/18 (30.11.2011), 16/18 (9.12.2011) u 17/18 (15.12.2011).

## 1. Aġent Segretarju Eżekuttiv

1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li rċieva ittra mid-Dipartiment. Is-Sindku qara l-ittra bid-data 19 ta' Diċembru imma, li kienet mibghuta kemm lilu u kemm lis-Sinj Gusman fil-21 ta' Diċembru 2011 dwar il-Ħatra tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE). L-ittra ġiet iċċirkulata mal-membri preżenti. Is-Sindku qal li qabel il-laqgħa huwa kellem lid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn infurmaħ li fil-laqgħa tal-Kunsill ta' dak inħar il-minuti kellhom jittieħdu mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Il-kumitat approva il-Ħatra tal-ASE il-ġdid is-Sinj. Louise-Anne Gusman.

**2 Aġenda:**

2.1 Is-Sur Sultana Sultana qal li l-Aġenda ta' din il-laqgħa mħijiex miktuba sewwa.

2.2 Is-Sindku qal li f'dan il-kaz jirranġawha u li dan kien ġie miftieħem waqt il-laqgħa li għaddiet. Is-Sindku introduċa lil Perit Antħony Bezzina u lill-assistent tiegħu is-Sur Clayton D'Amato fis-6.15 ta' filgħaxija.

2.3 Hawnhekk is-Sur Sultana talab għar-*recorder.* Is-sindku wieġeb li l-laqgħa mhijiex ser tiġi rrekordjata għax l-eks ASE is-Sur Joseph M Formosa, ħa r-recorder tal-Kunsill u ma ridtx jirritornah biex nisimgħu r-*recordings* tal-minuti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rraporta l-kaz lid-Dipartiment.

2.4 Il-Perit informa lil membri preżenti li ġew ippreparati l-istimi ta' dawn it-toroq: Msida Road, Triq Misraħ il-Barrieri, Triq Brejl, Misraħ Sta Venera, Triq Lunzjata. Huwa żied jgħid illi l-istimi jinkludu l-qlugħ tal-wiċċ tat-triq eżistenti, bini ta' *concrete gutter* fuq iż-żewg naħat tat-toroq, 80mm tarmak, 150mm *granular Type I material, tack coat* u bdil u llivellar ta' tappieri. Huwa qal illi hemm provizjoni illi jekk wiċċ tat-triq ma jkunx ta' kwalita', isir is-*cement stabilization* biex it-triq ikollħa bażi soda. Il-Perit ta eżempju billi fehem lil-Kunsilliera fuq ritratti li kellu tat-toroq imsemmija ħawn fuq. Huwa spjega kif l-istimi li saru qabel kienu jinkludu biss tqaxxir ta' 50mm u 50mm tarmak.

2.5 Is-Sindku qal li *resurfacing* biss kien hemm bżonn li isir.

2.6 Is-Sur Sultana qal li proviso tal-kuntratt kellu jkun ta' 10 – 12 cms u qal li ma jaħsibx li l-Perit ta' qabel seta' jikkwota fuq 10 – 12 cms imma mill-inqas 80mm.

2.7 Hawnhekk il-Perit talab għall-istima ta' qabel, dik oriġinali. Huwa żied jgħid li l-Perit kien sab inqas bħala kejl. L-istima kienet ġiet ± €298,000 (€297,650). Bir-rati tat-tenderer Central Aspħalt l-ammont kien €257, 263. Dan l-ammont jirrigwarda tqaxxir ta' 50mm u tarmac ta' 50mm. Huwa zied jgħid li prezentament hemm 'ċraċks' fit-toroq imsemmija u dan jindika illi l-bazi tat-toroq mhijiex waħda soda. Minħabba f'hekk wisq probabli jkollu jintuza *cement stabilisation material* u f'dak il-kaz it-triq ikollħa titbaxxa 380mm biex isir xogħol kif titlob is-sena.

2.8 Is-Sindku qal lill-Perit li mhux *resurfacing* biss tat-toroq se jsir.

2.9 Il-Perit qal li *resurfacing* ser isir skont speċifikazzjonijiet tat-TM u, suppost ikun ta' mhux inqas minn 80mm. Jekk jgħaddu vetturi ta' ċertu piz ikun hemm bżonn li isir *cement stabilisation* (bħal tal-*gas*, *scammel*, *eċċ*.) L-istimi gew jammontaw għal €520, 000, illi hemm €100,000 minnhom *provisional* f'każ illi jkollu jintuża *cement stabilisation material*. Dawn jinkludu ukoll *gutter* taħt il-bankini, llivellar tat-tappieri u forsi tinbidel it-tappiera ukoll. Is-servizzi mhumiex inklużi.

2.10 Is-Sur Sultana ġibed l-attenzjoni li hemm ġiebja f'Misraħ Sta Venera.

2.11 Il-Perit qal li fil-passat ħsarat strutturali fi triq kien jidħol għalihom il-Gvern Ċentrali. Huwa żied jgħid li jekk isiru l'4 toroq żgħar, kull triq titkejjel u issir *update* tal-ispejjez u imbagħad jibda t-triq il-kbira, sa fejn jippermettu l-fondi.

2.12 Is-Sinj Perici Ferrante, l-*accountant* qalet li skont it-*tender* hemm € 257, 263. Il-Gvern jagħti grant sa 5 toroq. Termini ta' ħlas fuq 4 snin fuq din il-evalwazzjoni. Hija saħqet li hemm bzonn li jergghu jaraw il-kalkolazzjonijiet. Il-baġit joħrog skont se jiddeċiedi l-Kunsill: 2012 €84, 571. Bis-sistema tal-PPP l-gvern jirdoppjalek l-ammont tal-baġit tal-kunsill fl-ewwel sena u jagħti 25% *extra* tal-*baġit* tal-kunsill fit-tieni sena. Jekk isiru l-5 toroq fl-2012, l-kunsill irid joħrog 40% tas-somma fl-ewwel sena li jammontaw għal €207,000. *PPP total amount* €84, 896.

2.13 Is-Sinj Periċi Ferrante qalet li fl-aħħar tas-sena d-dieħla irridu ndaħħlu ta' sena li ġejja. Fit- 2013 irridu nkunu nafu biħ għax l-*Asset position* tiġi *negative*. Aħna marbutin li *net asset* ma jkunx inqas min 10%, irid jibqa' €38,000 riserva. *Asset allocation* € 384,000. *Maintenance* tat-toroq € 88,000.

2.14 Is-Sindku qal li l-Gvern ta' *grant* ta' 5 toroq. Jekk mhux se nippreżentaw 5 toroq x'jigri?

2.15 Il-Perit Bezzina qal li mportanti li ninfurmaw l-Gvern li l-istima ġiet iżjed u forsi jagħti d-differenza. Kien hemm drabi fejn il-Gvern ta' iżjed allokazzjoni.

2.16 L-*accountant* qalet li marru għand il-Gvern bit-Tender li ħareg.

2.17 Is-Sur Sultana talab għal spjegazzjoni tal-Perit ta' qabel u staqsa min kien iggwidah. Żied jgħid li mhux tajjeb li ngħidu li issa ser jirddopja. Hu ma kienx qed jistenna dan. Anka fuq it-tappieri ta' 2". Il-proviso tal-kuntratt b'2" ma jittattewx. Is-Sur Sultana żied jgħid li hemm triq fejn il-main huwa tabakk u li hemm bzonn 3". Ma jistax isir 2" tarmac.

2.18 Is-Sindku qal li jixtieq li jiltaqghu dan il-Perit u l-Perit l-ieħor flimkien.

2.19 Imma l-Perit qal li minflok, is-Sindku jista' jitlob lil-Perit l-ieħor kif wasal għal din l-istima.

2.20 Is-Sindku qal li issa ħa jikteb din l-ittra u li l-Kunsill jistaqsieħ kif wasal għal din l-istima.

2.21 Il-Perit wieġeb li hu mhux ser jerfa' r-responsabilita' għal tqaxxir u tarmak ta' 2".

2.22 Hawn beda jispjega lil-Kunsillieri u jirreferi għar-ritratti tat-Toroq bħal Triq Brejl, Msida Road li kollha 'cracks'. Żied jgħid li ċerta toroq għandhom it-trinka u ikollhom ħamrija, eċċ. Qal ukoll li jekk il-Kunsill irid jibda f'Jannar, jista jibda bit-toroq iż-żgħar. Hu ssuggerixxa li jiktbu lil Onor. Dott. Chris Said, jispjegaw is-sitwazzjoni anka offra li jikteb hu stess, forsi iżid naqra jew joħrog is-servizz apparti.

2.23 L-*Accountant* qalet li l-bankini mhumiex inklużi.

2.24 Il-Perit spjega li jekk titlob bankina, ma tidħolx il-PPP.

2.25 L-Accountant qalet li xorta ser jinbiddlu s-servizzi.

2.26 Il-Perit staqsa kemm ilhom li nbiddlu s-servizzi? U jekk ilhomx 5 snin. Jekk ilhom daqshekk ser iġieluhom ibiddluhom. Hemm ukoll spiża fil-mains.

2.27 Is-Sindku qal li s-servizzi €75,000 jinkludi l-mains.

2.28 Il-Perit qal li l-Kunsill irid iħallas tat-tħaffir tat-trinka tal-main prinċipali u tal-irdiem tat-Trinka u tat-tqiegħid tal-pajpijiet ma dawk irid iħallas ukoll il-*house services*. Il-provista tal-*main* tal-ilma u tal-pajpijiet tal- *house services* jitħallsu mill-*Water Works Corporation*.

2.29 Is-Sur Charles Camilleri qal li l-Kunsill mar biex jixtri flat u ser jkollu jixtri villa.

2.30 l-*Accountant* qalet li d-differenza hija għax waħda kienet stima fuq 2" u issa fuq 3".

2.31 Il-Perit qal li ma jistax iqaxxar 50 mm u jitpoġġa 50 mm oħra. Irid idaħħal l-*gutter*, iqaxxar 230mm u jagħti 80 mm tarmak u 150mm *type I material*, u jdaħħal proviso li jekk isib il-ħamrija jagħmel 6" *cement stabilization* u jqaxxar 6" *extra* fl-art. Il-Perit spjega li s-*cement stabilisation* qisu konkos imxarrab u ikun *dry mix* imma mhux bl-ilma u mhux b'saħħtu daqs il-konkos tal-art imma iżjed b'saħħtu mit-*type I*. Il-Perit issuġġerixxa li isir laqgħa ma' l-Onor Chris Said, forsi joħorgu b'xi soluzzjoni.

2.32 Is-Sindku qal li din trid issir malajr. Huwa tal-parir li kieku jieħu *contingency plan* u jibda bil-*baġit* originali ta' € 260,000.

2.33 Is-Sur Sultana qal li qabel ma jserraħlu moħhu hemm bżonn li issir laqgħa mal MPDC. Jekk ħa nibqghux ma l-istess kuntrattur u li l-fteħim ma ġiex iffirmat. Immirajna għal dawn it-toroq u irridu naraw kif se nirranġaw il-figuri. Żied jgħid li ma nistghux naqtghu Misraħ il-Barrieri.

2.34 Is-Sur Clayton D'Amato staqsa jekk humiex ċerti li dan ix-xogħol ser jibda f'Jannar, jekk m'hemm xejn iffirmat?

2.35 Is-Sur Sultana qal li l-Onor Chris Said attakka il-kuntrattur, għalaqna sena, min meta ddeċidejna (15/12/2010).

2.36 Is-Sindku qal li t-*tender* sar f'Settembru. Żied jgħid li huwa ser jikteb lil MPDC u ser jitkellem ma ta' Central Aspħalt biex jiffirmaw il-kuntratt.

2.37 Il-Perit qal jekk ser jiffirmaw bir-rati li għandu u saqsa kif ħareg it-*Tender*. Huwa qal ukoll li wieħed jista' jagħmel Addendum li l-Kunsill jista' iżid jew inaqqas skont il-baġit.

2.38 Is-Sur Camilleri staqsa lil-membri preżenti jekk humiex qed jgħidu li aħjar isir 2 toroq sewwa minflok 5 ħziena?

2.39 Il-Perit qal li huwa irid ikun ċar li huwa kien imqabbad biex jagħmel stima u mhux biex jikkummenta fuq l-istimi eżistenti.

2.40 Is-Sindku qal li huwa dejjem gabhom l-esperti u li dan jistghu jikkonfermawh il-kunsillieri. Zied jgħid li ser jikteb ittra għan-nom tal-Kunsillieri biex jagħtuhom spjegazzjoni.

2.41 Is-Sur Sultana qal li jrid jara kif ser jispjega lid-dipartiment u ma jrridx jemmen kif ma speċifikax fuq il-pulzieri.

2.42 Il-Perit sostna li hemm ir-rati u beda jaqra mid-dokument.

2.43 Is-Sur Sultana qal li dan irid jiġi ċċarat mad-dipartiment u lid-dipartiment ġie mgħarraf ħażin fuq iż-2".

2.44 Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li ser jitlob appuntament urġenti mal-Onor Chris Said.

2.45 ~~l-*Accountant* qalet li jridu joħorgu € 236,000, u li jkollhom €250,000 jekk jirdoppjaw imma, xorta waħda hemm bżonn li joħorgu € 2000,00 oħra. Għal Misraħ Santa Venera imorru għal UIF. Jekk nużaw *embellishment* u nużaw il madum? Fil-*parking bay* jagħmlu madum?~~ L-*Accountant* qalet li jridu joħorgu € 236,032, mill-Fondi tal-Kunsill għall-Proġett tal-PPP, meta ġiet ikkalkulata l-istima fuq wiċċ ta' 2". Dan għaliex it-Tender ammonta għal €257,263 + 10% Provision għal Variations -5% Management Fee. Il-Ġvern Ċentrali kien ser jagħti Grant ta' €84,896 skont e-mail ta' Joseph Tabone datata 26/01/2011. Għalhekk wara li tgħodd il-*Water Servicing* ta' 4 toroq, bil-*Water Servicing* ta' Misraħ il-Barrieri mhux inkluża, li jammontaw għal €52,088.97, toħrog il-figura ta' €236,032. Issa jekk it-toroq ser jingħataw wiċċ ta' 3", u l-istima irduppjat, ser ikun hemm bżonn li joħorgu xi € 200,000 oħra.

2.46 Is-Sindku sostna li ser jagħmel apppuntament urġenti mal-Onor Chris Said. Għal-bankina jagħtuk għax qiegħed tagħmel embellishment imma għat-tarmac ma jagħtux. Is-Sindku irringrazzja lil-Perit u lil-Assistent tieghu.

2.47 Is-Sur Sultana qal lis-Sindku li kif ikollu xi ħaga f'idejh jinforma lil-Kunsillieri. Is-Sur Sultana staqsa lis-Sindku jekk dan il-Perit ser jitlobx kumpens ta' dan ir-rapport.

2.54 Is-Sindku qal lil-Kunsillieri li kien ovvju li se jżomm il-flus.

2.55 Il-Perit Bezzina, l-assistent u l-*Accountant* telqu fis-7.20 ta' filgħaxija.

3 Qari tal-minuti u approvazzjoni:

3.1 Is-Sindku kien ser jaqra il-minuti 11 sa 17.

3.2 Is-Sur Sultana ġibed l-attenzjoni li hu kien bagħat għal-korrezzjoni tal-minuti imma dawn ma sarux u hu fil-fatt dak inhar ta' dawn il-minuti ma kienx preżenti imma, tniżżel li kien preżenti u mhux biss imma li tniżżel li tkellem meta fil-verita' ma kienx preżenti.

3.3 Il-minuti kellhom jerġghu jintbagħtu u jiġu moqrija fil-laqgħa li jmiss. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nħar l-Erbgħa 11 ta' Jannar fil-5.30 ta' filgħaxija.

3.4 Il-laqgħa ntemmet fit- 7.45 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2012